# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 283/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Kurt FALZON**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-30 ta' Settembru 2019 fil-konfront ta' Kurt FALZON (detentur tal-karta tal-identita bin-numru 527588M) li ġie mixli talli nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017 għall-ħabta tas-19.30hrs ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretedni li għandu, ġiegħel b'awtorita' tiegħu nnifsu lil Daniela Falzon tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni li tkun li tkun jew fixkel lil Daniela Falzon fil-pussess ta' ħwejjiġha, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ Daniela Falzon.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet billi ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu din kienet ġiet addebitata li twettqet fis-27 ta' Ottubru 2017.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza fejn talab lill-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib ħtija u tinfliġġi piena adegwata li hija fil-parametri tal-liġi u dan wara li stqarr is-segwenti:

> Il-liberatorja nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti jorbot mal-ħsieb erronju tal-istess illi kien hemm diskrepanza fil-verżjonijiet kemm ta' Kurt kif ukoll ta' Daniela Falzon ta' meta effettivament inbidlet din is-serratura. B'kull dovut rispett, Daniela Falzon ġiet imċaħħda minn ħwejjiġha minn azzjoni tal-istess Kurt Falzon fuq ammissjoni tiegħu stess fis-27 ta' Ottubru 2017 meta hija ppruvat tiftaħ il-bieb tal-istess dar u ma setgħetx. Meta Kurt Falzon ħa l-liġi b'idejh u biddel is-serratura tad-dar residenzjali tagħhom meta huwa ma kellu ebda dritt jagħmel hekk mgħandux jimpinġi fuq meta effettivament Daniela Falzon ippruvat tiftaħ il-bieb u ma setgħetx. Dakinhar stess li Daniela Falzon ġiet imċaħħda minn ħwejjiġha hija għamlet rapport l-Għassa u l-akkuża korrettement inħarġet għaliex hija dakinhar stess ma setgħetx tiftaħ il-bieb tad-dar tagħha.
>
> Għalhekk il-liberatorja mhiex ġusta.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**,

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta’ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma’ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b’hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-

---

1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta'

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

22. Illi nhar is-27 ta' Ottubru 2017, għal ħabta ta' xit-tmienja ta' filgħaxija, il-Pulizija tal-Għassa tan-Naxxar daħlitilhom kwerela mingħand Daniela Falzon li s-serratura tal-bieb tar-residenza Birguma Heights Apartments, A3, Triq Andrea Debono Naxxar li fiha kienet tirrisjedi flimkien ma' bintha, ġiet mibdula mir-raġel tagħha Kurt Falzon. Daniela Falzon kienet akkumpanjata mill-ġenituri tagħha Peter Paul Cortis u Rita Cortis. Din irraportat kif hi u żewġha kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u li peress li bintha ma kinetx tiflaħ kienet marret torqod tlett ijiem għand il-ġenituri tagħha u kif ġiet biex tidħol dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija sabet is-serratura mibdula. Qalet li l-proprjeta' Birguma Heights, A3 Triq Andrea Debono Naxxar kienet proprjeta' parafernali ta' żewġha iżda li hi u bintha kienu qedin jirrisjedu hemmhekk bħala r-residenza tagħhom. Stqarret li hi u

bintha mgħandhomx residenza alternattiva u li ftit tal-ħin qabel l-akkadut, Kurt Falzon kien ġie jiltaqa' magħha u ma' binthom il-bandli tal-Mosta sabiex jara lil binthom u ma kien semmielha xejn fuq li kien bidel is-serratura tal-bieb tal-imsemmija residenza.

23. Fil-waqt li kienet qiegħda tagħmel dan ir-rapport, il-Pulizija ċemplu lil Kurt Falzon sabiex jipprovdi kopja taċ-ċavetta tas-serratura l-ġdida lil Daniela Falzon iżda hu rrifjuta u minflok irrikorra l-Għassa tan-Naxxar ma ħuh Dr. Ryan Falzon u ommu Simone Falzon. Sabiex jevitaw li jinqala' l-inwkiet, il-Pulizija talbu lil Kurt Falzon u l-familjari tiegħu sabiex jistennew fuq barra tal-Għassa sakemm martu Daniela tispiċċa mill-kwerela li kienet qiegħda tagħmel iżda minfok, Kurt Falzon beda jgħajjat ma' PS 1021 li jekk ma kinx sejjer iċempel lill-Aġenzija Appoġġ u jirraporta l-fatt li bintu kienet ftit qabel ċemplitlu sabiex tgħidlu li kienet sejra torqod f'karozza, huwa kien sejjer jirraportah. Dak il-ħin inqalgħet kommozzjoni ġewwa l-Għassa u omm il-parte ċivile Rita Cortis aggrediet lil Dr. Ryan Falzon. Għal din l-azzjoni omm l-appellat FALZON irreaġixxiet billi tat daqqa ta' ħarta lura lil Rita Cortis. Il-Pulizija ntervjenew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni u kulħadd intbgħat id-dar.

24. Il-Pulizija nfurmaw lil Kurt FALZON li kienu sejrin jinħarġu akkużi fuq dan il-każ u nħarġu wkoll akkużi kontra l-partijiet kollha nvoluti fil-ġlieda li nqalgħet l-Għassa tan-Naxxar dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017.

## Ikkunsidrat

## L-ewwel aggravju : nullita tas-sentenza minħabba żball fid-data

25. Illi qabel xejn b'riferenza għall-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali relattivament għall-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija nulla minħabba li d-data tas-sentenza ġiet miktuba bħala li ingħatat fit-30 ta' Novembru 2019 meta fil-fatt ingħatat fit-30 ta' Settembru 2019, din il-Qorti tinnota li dan kien frott ta' lapsus calami vel comupteri u b'hekk ma jwassal għal ebda nullilta. Dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni aggravju : deċiżjoni żbaljata fuq il-meritu**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellat MHUX ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.**

26. Illi l-appellant Avukat Ġenerali jsostni kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinetx korretta fid-deċiżjoni tagħha li tillibera lill-appellat FALZON u dan għaliex mill-provi prodotti kien jirriżulta ampjament li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017, Daniela Falzon kienet sofriet turbament fil-pussess tad-dar residenzjali tagħha li ġġib l-indirizz ta' Birguma Heights Apartments A3, Triq Andrea Debono, Naxar, meta l-appellat bidel is-serratura ta' din l-istess residenza.

27. Minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jirriżulta li dik il-Qorti rrikonoxxiet li l-azzjoni unilaterali tal-appellat FALZON kienet tammonta għal ragion fattasi bi ksur kwindi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hekk kif stqarret li kienu ġew sodisfatti l-elementi kollha li l-liġi teħtieġ sabiex jiġi integrat dan ir-reat :-

> Fil-każ odjern, id-difiża sostniet li ġjaladarba l-parte civile ma kinitx għadha tabita fid-dar matrimonjali, hija ma kienx għad kellha l-pussess ta l-istess dar matrimonjali u għalhekk, l-elementi għal raggion fattasi ma ġewx sodisfatti. Madanakollu, din l-argumentazzjoni hija kollha nfondata meta din il-Qorti tqisha fil-ġurisprudenza fuq ċitata.

28. Għaldaqstant il-pern tal-kwistjoni kollha mhux tant jekk l-aġir tal-appellat kinx jammonta għal ragion fattasi iżda kemm **il-parametri taż-żmien** imsemmija fiċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva kienux ikopru ż-żmien ta' meta allegatament twettaq dan ir-reat mill-appellat FALZON.

29. L-appellat ġie mixli li wettaq dan ir-reat nhar **<u>is-27 ta' Ottubru 2017</u>** għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jistipula r-rekwiżiti taċ-ċitazzjoni li permezz tagħha

imputat jinġieb quddiem il-Qorti għall-bidu tal-proċediment penali kontra tiegħu :

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

30. Il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin ta' meta twettaq ir-reat kif ukoll tal-fatti li jsawru dak ir-reat iridu jkunu preżentati b'mod ċar fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha jinbdew il-proċeduri kriminali kontra l-ġudikabbli. Dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat ikollu idea ċara ta' dak li jkun mixli bih, b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn ma jwassalx għan-nullita taċ-ċitazzjoni għax il-Liġi tippermetti wkoll li ssir korrezzjoni jew żieda skont il-każ - dment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' tali korrezzjoni jew żieda. Hekk intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003 : -

> Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) **u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun**[9]. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.

31. Dan ikun ifisser allura li f'sitwazzjoni fejn in-nuqqas ta' rekwiżiti **ma jippreġudikax il-każ kontra l-imputat**, il-Liġi stess tippermetti li

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

l-kawża tibqa' għaddejja wara li jsiru d-debiti korrezzjonijiet u ma jfissirx allura li l-Qorti għandha tgħaddi awtomatikament għall-liberatorja tal-imputat. L-ispirtu tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie ampjament mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2004 : -

> Fis-sentenza moghtija minn din il-Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 3 minn 8 Qrati tal-Gustizzja Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal: "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fissentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E**. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex ilgudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami**)."

32. Din il-Qorti diversi drabi kellha l-opportunita li tirribadixxi l-posizzjoni regolanti tibdiliet jew żidiet li jistgħu jsiru fiċ-ċitazzjoni matul il-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[10] Diversi sentenzi saħqu li meta l-Prosekuzzjoni tirrealizza li tkun għamlet xi żball fiċ-ċitazzjoni, hija kellha d-dmir tagħmel talba għall-korrezzjoni tempestivament.[11] Din il-posizzjoni ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża **Il-Pulizija vs Warren Piscopo**[12] nonche fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Theuma**.[13] Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi** tal-15 t'Ottubru 2019 din il-Qorti - kif presjeduta - kienet daħlet ukoll f'analiżi dwar is-sitwazzjoni fejn, fil-kors tal-proċeduri

[10] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi** tal-15 t'Ottubru 2019.
[11] **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'Ottubru 2005.
[12] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[13] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.

infushom, jirriżulta li jkun hemm xi diskrepanza – ossija varjanza - bejn dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni u dak li jkun qiegħed jirriżulta lil Qorti tal-Maġistrati matul il-kors tal-proċeduri. Dil-Qorti stqarret :

41. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-ius receptum, tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[14] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija variance ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

42. Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

...

49. Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss variance, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. Variance tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi,[15] allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri tal-azzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum. F'dan il-każ pero il-varjanza kienet żgħira u suffragata mill-provi riżultanti, inkluż mill-azzjoni u x-xiehda tal-appellant innifsu u mix-xiehda tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile. Għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

---

[14] skont l-artikolu 374(i)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti ex officio bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

[15] Ara **Il-Pulizija vs Joseph Calleja et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-5 ta' Frar 2016 fejn il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li kien qiegħed jikkommetti reat minħabba storbju ġenerat minn generator ta' bastiment li kien jinsab f'baċir numru 5 tat-Tarzna mentri mill-provi fattwali u tekniċi rriżulta li l-ħsejjes disturbanti kienu ġejjin minn parti oħra tal-port, possibilment minn baċir numru 6 u ġenerati minn bastiment ieħor li ma kellux x'jaqsam la ma' dak imsemmi fl-avviż u l-anqas mal-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

33. Matul il-kors ta’ dawn il-proċeduri, u probabbilment anke qabel, kellu jkun evidenti għall-Prosekuzzjoni li kien hemm diskrepanza fil-partikolaritajiet tal-ħin u żmien li kienu **jikkuntrastaw** ma’ dak li kien emerġa mid-dokumenti u mill-provi li nstemgħu waqt il-mori tal-kawża. Ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni talbet xi forma ta’ korrezzjoni fil-partikolaritajiet ta’ żmien u ħin f’dan il-każ fi żmien debitu sabiex kwalunkwe tali diskrepanza setgħet tiġi indirizzata tempestivament.

34. F’dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Kyle Stone** deċiża nhar l-20 ta’ Settembru 2013 irriteniet is-segwenti :

> Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta’ Ottubru 2005 mill-Qorti ta’ l-Appelli Kniminali fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs John Mary Briffa’, fejn l-appellant f’dik il-kawża ġie akkuzat b’reati li allegatament sehhew “għall-habta tas-7.30 p.m.” mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li sehh “għall-ħabta tas-7.30 a.m.”, intqal li:
>
> “L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirrizultax li ġara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frazi “għall-habta ta’ “tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-Il siegħa wara.’
>
> Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali f’diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet ‘Pulizija vs Warren Piscopo’ u Pulizija vs ‘Rita Theuma, it-tnejn deċiżi fid-1 9 ta’ Ottubru 2011.

35. Għaldaqstant, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss avviż għad-dehra tal-imputat, u l-Liġi tikkonċedi li impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu hekk sanati b’semplċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, **dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m’għandhiex tkun korretta sa mill-bidu nett, iġifieri li tkun tirrifletti l-fattispecie tal-każ inkluż il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat**. Għalkemm huwa possibbli għal Qorti li tippermetti ċerti varjanzi fil-parametri spjegati aktar il-fuq, kif ukoll li l-Prosekuzzjoni, fl-istadji proċedurali kongruwi, tkun tista’ titlob korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni anke biex tkun tista’ tagħmel tajjeb u tirrettifika tali varjanzi riżultanti, dan ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni m’għandhiex toqgħod attenta kif u biex tixli persuni quddiem il-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali. Jekk jirriżultaw differenzi jew

diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi, imbagħad l-istess Qrati jridu jaraw li l-element bażiku taċ-ċertezza legali li għandu jiggarantixxi l-proċess penali għandu jiġi mħares.

36. Is-sitwazzjoni fil-każ odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat li wettaq reat f'data u ħin partikolari u l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f'data differenti minn dik li ġiet imputata lilu. Irriżulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal-partikolaritajiet taż-żmien u ħin imputati fl-istadju debitu. Din għalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn żewġt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f'kuntest fejn iż-żewġt dati jkunu ġew koperti bil-parametri ta' żmien u ħin indikati fl-avviż. Dan ikun jista' jitqies bħala kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija fil-kors tas-smiegħ tax-xiehda u li jista' jkollu ċerti konsegwenzi fuq il-ġudizzju.

37. Il-każ odjern huwa tali li jindika, anke minn ċerti tweġibiet tal-parte civile stess, li l-partikolarita taż-żmien indikata fl-avviż setgħet kienet żbaljata, jew almenu inċerta. Din ma ġietx b'xi mod korretta fl-istadju proċedurali debitu; u biex il-Qorti tkun ċara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni. B'hekk ikun jirriżulta li l-prova dwar meta jkun ġie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa' barra mill-parametri taż-żmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qegħda tixli lill-imputat.

38. F'dan il-każ jirriżulta li hemm element ta' konfużjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjuġi Falzon – konfużjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' ħtija – in kwantu sabiex tinstab ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfużi.

39. Qabel xejn Daniela Falzon ma kinitx konsistenti fuq id-data ta' meta inbidlet din is-serratura. Meta hija marret tirraporta it-tibdil fis-serratura jirriżulta li kienet indikata d-data tas-27 ta' Ottubru 2017 bħala d-data ta' meta effettivament ġie kommess ir-reat. Fil-fatt sussegwentement inħarġu l-imputazzjonijiet kontra l-appellat

FALZON biż-żmien tar-reat indikat bħala is-27 t'Ottubru 2017. Meta hija mbagħad ħadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2019, fuq domanda tal-avukat tagħha hija reġgħet ikkonfermat il-kwerela li kienet għamlet għal dak li ġara fid-data tas-27 ta Ottubru 2017. F'paġna 30 tax-xhieda tagħha hija qalet hekk :

> Dr. Anne Marie Mangion: Issa, taf għaliex qegħda hawnhekk inti għamilt kwerela, inti qed tagħrafha din il-kwerela?
>
> Xhud: Iva din **tat-27 October** pero suppost kien hemm oħra tat-24 October.
>
> Dr. Anne Marie Mangion: Ħa nitkelmu fuq din issa la hawn din, spjega lil Qorti x'ġara dakinhar?
>
> Xhud: Dakinhar **tas-27 ta' Ottubru 2017** għal ħahba tas-sebgħa w nofs, jiena u tifla tiegħi Chloe Falzon li kellha sitt snin dak iż-żmien, mort biex nidħol id-dar, dar tagħna għanda ġiex bibien, front door u backdoor.

40. Meta mbagħad xehdet in kontro-eżami f'paġna 35 tax-xhieda tagħha, Daniela Falzon ma kkonfermatx id-data tas-27 ta' Ottubru 2017 bħala dik id-data ta' meta kien seħħ it-tibdil fis-serratura iżda fuq domanda tal-Avukat Difensur li għamlilha referenza għal Dokument AA1, hija tikkonferma li t-tibdil fis-serratura kien seħħ fis-**26 ta' Ottubru 2017** u mhux fis-27 ta' Ottubru jew xi data oħra :

> Dr. Alfred Abela: Mela ħa nippreżenta nota Sinjura Maġistrat, nota responsiva tas-Sinjura Daniela Falzon bil-visto 9/11/2017 u ġiet ippreżentata fit-2 ta' Novembru 2017, ħa nagħmel referenza Sinjura għar-raba' paragrafu fejn f'parti minnhom tgħid, kien biss nhar is-27 ta' Ottubru 2017 li meta ġiet biex tidħol f'darha sabet il-locks mibdulin, illi fl-24 ta' Ottubru 2017 kien bidel biss il-lock tal-garaxx u **nhar is-26 ta' Ottubru 2017 biddel ukoll il-lock tad-dar matrimonjali**.[16] Hu dan għaliex ħa ċans peress li dak il-lejl bejn is-26 u 27 Daniela Falzon raqdet id-dar t'ommha**, dan tikkonfermah dan li għidt hawnhekk?[17]**
>
> Xhud: **Iva.[18]**

41. Din il-Qorti tinnota li n-nota responsiva li jagħmel referenza għaliha l-avukat difensur[19] ġiet intavolata mill-parte ċivile fl-atti tal-medjazzjoni numru 1524/2017 AL fil-proċeduri fl-ismijiet Kurt Falzon vs. Daniela Falzon **nhar it-2 ta' Novembru 2017**. Dan ifisser kwindi li din in-nota ġiet intavolata **wara** li Daniela Falzon għamlet dik il-

---

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.
[19] Ara fol. 51 tal-atti proċesswali.

kwerela li abbażi tagħha nbdew dawn il-proċeduri kontra l-appellat. Għaldaqstant din il-Qorti tistaqsi, kemm setgħet il-Qorti tal-Maġistrati (Mata) tistrieħ fuq id-data tas-27 ta' Ottubru 2017 bħala dik id-data fejn effettivament seħħ dan l-allegat reat jekk anki l-parte ċivile stess donnha ma kinitx ċerta minn dan? Dan qiegħed jingħad għaliex ma nġiebet ebda prova oħra għajr ix-xhieda tagħha stess li tikkorrabora li t-tibdil fis-serratura seħħ dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 hekk kif rifless fiċ-ċitazzjoni. Anzi, fi kliemha stess, fuq mistoqsija li saritilha mid-Difiża, hija tgħid lil lill-appellat ma ratux fiżikament jibdel is-serratura dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017:

> Dr. Alfred Abela: Rajt li xi ħadd li jien naf ġibidlek l-attenzjoni b'xi kaxxa tal-għodda ħiereġ hekk?
> **Xhud: On the 27th, le.**[20]
> Dr. Alfred Abela: Jiġifieri f'dak il-ħin ma rajt lil ħadd ħiereġ naqblu?
> Xhud: Ehe.

42. L-appellat ukoll xehed f'dawn il-proċeduri u fir-rigward tad-data ta' meta nbidlet is-serratura huwa qal hekk f'paġna 38 tax-xhieda tiegħu:

> Dr. Alfred Abela: Il-mara tiegħek smajtha tixhed rigward is-27 t'Ottubru, din is-serratura meta nbidlet, hi qed tgħid li fis-27 t'Ottubru waslet fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija u sabet is-serratura mibdula, domanda hija sempliċi, nbidlet dakinhar jew inbidlet ġranet qabel?
> Xhud: Ġranet qabel.
> Qorti: Meta.
> Xhud:Meta daħħalna n-nota stess jiġifieri, 25 t'Ottubru 2017.
> Qorti: Minn min inbidlet is-serratura?
> Xhud: Minni.

43. Issa, in-nota li qiegħed jirreferi għaliha l-appellat hija dik li ġiet esebita fl-atti proċesswali bħala Dok AA2 u li f'paragrafu 19 tagħha huwa jgħid hekk : -

> In oltre, l-esponenti kien kostrett ibiddel is-serraturi tal-bibien tad-dar matrimonjali **<u>fl-24 ta' Ottubru 2017</u>**, kemm għal raġunijiet ta' sigurta, għaliex l-esponenti mhux qed iħossu sigur ġo daru bil-fatt li l-intimata kienet qed tagħti aċċess lil terzi persuni, senjatament membri tal-familja tal-intimata, għall-imsemmija dar matrimonjali li kienu qed jeċċċedu regolarment bil-għan uniku li jieħdu u jittentaw jieħdu aktar mill-imsemmija proprjeta'...

---

[20] Enfasi ta' din il-Qorti.

44. Għaldaqstant anki l-appellat ma kienx preċiż hekk kif fix-xhieda tiegħu kien indika **l-25 ta' Ottubru 2017** bħala d-data meta huwa biddel is-serratura iżda mbagħad fin-nota li huwa intavola fl-atti tal-medjazzjoni ċivili fil-kawża li kellu kontra martu Daniela Falzon, huwa jniżżel id-data tal-**24 ta' Ottubru 2017** bħala d-data ta' meta huwa kien ipproċeda sabiex iwettaq l-imsemmi tibdil fis-serraturi.

45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' seħħ fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 ta' Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont il-parte ċivile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill-provi ma tkunx tirriżulta d-data preċiża ta' meta jkun seħħ l-ispoll anki għaliex f'każijiet ta' din in-natura, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-moħbi u għalhekk ikun sussegwentement sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tas-suġġett passiv tar-reat meta dan tal-aħħar effettivament ikun induna li jkun ġie hekk turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet marbuta bid-diċitura taċ-ċitazzjoni liema ċitazzjoni ndikat **data preċiża u mhux żmien approssimattiv** ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. Dan ifisser illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawżi **John Mary Briffa**, **Rita Theuma** u **Warren Piscopo** rispetttivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ.

46. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellat għal tibdil fis-serratura li seħħ nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte ċivile ndunat bit-tibdil **imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien seħħ it-tibdil fis-serraturi.**

47. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviż ma saret ebda riferenza għal żmien qabel din id-data. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti. Hekk sostniet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Paul Cilia** deċiża nhar is-7 ta' Ottubru 2015 fejn il-mertu tal-kawża kien jitratta wkoll tibdil fis-serratura ta' żewġ propretajiet :

Vincenzo Manzini jghid dwar ir-reat ta' ragion fattasi: "E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato.

12. Il-każ in eżami jirrigwarda żewġ atti ta' kommissjoni konsistenti fil-bdil ta' serraturi ta' żewġt iħwienet. Il-fatt tal-bdil tas-serraturi kellu effett permanenti, iżda dan xorta jrid jitqies bħala reat istantaneju.

48. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Imħallef Harding fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 1948 fuq dan il-punt kien fis-sens li fid-distinzjoni bejn reat istantanju u reat permanenti **wieħed ma jridx jiffoka fuq il-konsegwenzi tar-reat għaliex b'dan il-mod ikun faċli li wieħed jikkonfondi reat istantanju ma' reat permanenti minħabba li l-effetti tiegħu jkunu duraturi** :

Din it-teżi tal-Qorti Inferjuri ma tidhirx aċċettabbli. Ir-reati kkontemplati fl-art. 75 ittri (a)(b) u (c) tal-Ordinanza III tal-1943 li bihom hu imputat l-appellant u li għalihom tapplika l-preskrizzjoni msemmija fit-tieni subartikolu tal-istess artikolu, huma reati istantanei, li huma l-essenza tagħhom stess kompjuti u eżawriti appena tkun kompjuta dik it-tali vjolazzjoni ta' liġi li tikkostitwihom; jiġifieri malli jingħata t-tagħrif falz, malli jiġi prodott id-dokument falz jew malli tiġi miżmuma t-tagħrifa materjali. Malli jsir dan l-att l-liġi hi vjolata u ma hix aktar passibbli ta' vjolazzjoni u kwindi ma hux il-każ ta' reat permanenti jew suċċessiv. **Il-Qorti ta' Isfel ħarset lejn il-konsegwenzi tagħhom**[21] (ara Mangin 'Traite' de l'action publique' T. II no. 321 et seq. ; Le Sellyer, 'Le Traite' de l'Exercise' ecc...

49. Kwindi jekk skont dan l-insenjament ir-reat istantanju huwa dak li jiġi kkunsmat fil-mument li titwettaq il-vjolazzjoni li tkun tipprojbixxi l-Liġi stess, isegwi li l-lokuzzjoni tal-Liġi hija determinanti fid-distinzjoni bejn reat istantanju u reat permanenti. Dan intqal mill-istess Imħallef Harding fil-kawża **Il-Pulizija vs. Wiġi Abela** deċiża nhar is-6 ta' Ġunju 1949 :

Hu utli li jiġi ribadit illi hu ta' l-akbar importanza li fl-applikazzjoni ta' dawna l-kriterji ġenerali wieħed joqgħod attent għal-lokuzzjoni adoperata mil-liġi fil-każ partikolari; għaliex minħabba dik il-lokuzzjoni l-konsegwenzi jistgħu jkunu diversi, bla ma b'daqshekk jiġu mibdula l-kriterji fil-ġeneralita' tagħhom.

---

[21] Enfasi ta' din il-Qorti.

50. Fid-dawl tas-suesposti prinċipji, din il-Qorti tqis kif minn interpretazzjoni tal-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali joħroġ biċ-ċar li dak li l-Liġi qiegħda tirreprimi huma serje ta' azzjonijiet - bħalma hu t-tfixkil fil-pussess ta' ħwejjeġ xi ħadd, il-ħatt ta' bini, il-ksur tal-imxija tal-ilma, l-att fejn persuna tiġi mġiegħla tħallas dejn fost oħrajn - li fin-natura tagħhom jikkonsistu f'att wieħed pożittiv b'effetti li jistgħu jestendu matul iż-żmien.

51. Hekk per eżempju fil-każ de quo, ġie soddisfaċentement ippruvat b'mod sikur li FALZON wettaq dak l-att pożittiv li permezz tiegħu biddel is-serratura tad-dar. Huwa ex admissis wettaq dan l-att f'episodju ta' **darba.** Għalhekk fi kliem l-Imħallef Harding, ma kinx hemm vjolazzjoni suċċessiva benche' pero' l-effetti ta' dak it-tibdil fis-serratura huma ta' natura permanenti jew altrimenti duratura bħal meta jekk u sakemm il-parte ċivile tiġi rimpristinata fl-istat li kienet qabel ma twettqet. Huwa għalhekk li din il-Qorti bħal Qrati oħra qabilha tqis li r-reat ta' ragion fattasi huwa ta' natura istantanja u kwindi il-konsumazzjoni tiegħu hija istantanja.

52. Dan ikun ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt FALZON ma setgħetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta wkoll fir-raġunament tagħha li għalkemm jirriżultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfaċentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat qua appellat. In oltre, ma jirriżultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saż-żminijiet opportuni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li tillibera lill-imputat qua appellat.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**